**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Lulju 2024**

**Rikors Numru 86/2023**

**Kevin Zammit**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ippreżentat minn **Kevin Zammit** datat 26 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

*1. Illi dan huwa appell minn rifjut ghall-applikazzjoni ghal tigdid ta' permess ta' xufier (tag) tal-appellant (DP-A14) datat l-4 ta' Lulju 2023 mill-awtorita' appellata;*

*2. Illi fl-ittra tar-rifjut tal-permess, id-Direttur tar-Regulatory Unit fi hdan id-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art min-naha tal-Awtorita' appellata stipula r-raguni li gejja ghaliex tali permess gie rifjutat:*

*Nirreferu ghall-applikazzjoni tieghek ghal tigdid ta' permess ta' xufier (tag) kif ukoll ghas-sentenza tal-appell numru 443/2016 li giet deciza fis-27 ta' Gunju 2023.*

*In vista ta' din is-sentenza ninfurmak illi inti ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghall-fini tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56), Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (Legislazzjoni Sussidjarja 499.59) u Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri b'Vetturi Zghar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Legislazzjoni Sussidjarja 499.68) u ghaldaqstant il-permess ta' xufier (TAG) mhux se jigi mgedded.*

*3. Illi fl-ittra ta' rifjut (annessa u mmarkata bhala **"Dok A"**) mibghuta lill-appellant, gie mgharraf illi l-appellant ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghall-fini tar-regolamenti fuq imsemmija, u dan minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru 2016 li*

*nqatghet kontrih, li giet ikkonfermata fl-appell numru 443/2016 fis-27 ta' Gunju 2023, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni, sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva;*

*4. Illi ghal kull buon fini, se jigu mnizzlin verbatim l-imputazzjonijiet li kienu migjuba kontra l-appellant:*

*1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur ta' Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 Ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*2. kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*3. ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur ta' Artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*5. Illi biex izid ma' dan u ai fini ta' kompletezza, l-appellant se jistipula r-regolamenti li jirreferu ghall-elementi mehtiega sabiex l-applikant li japplika ghal tigdid ta' permess ta' xufier (tag) jitqies li jkollu reputazzjoni u kondotta tajba, u dawn fid-dawl ta' dak li hemm imnizzel fl-ittra ta' rifjut;*

*6. Illi in primis, ir-regolament 11A tar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (Legislazzjoni sussidjarja 499.59):*

*(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba kif mehtieg taht ir-regolament 11-:*

*(a) jekk hija tkun instabet hatja ta' xi reat kif jidher*

*(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali jew tal-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204B, 204C, 205, 211, 212, 217 (f'kaz illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248C, 248D tal-Kodici Kriminali;*

*(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni;*

*(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.*

*(iv) fl-artikoli, 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(c), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (c), (d), (e), (f), 22(1C), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi; u*

*(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta*

*(b) ghal dak il-perjodu ta' zmien meta hija tkun qieghda tiskonta piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn xahar;*

*(c) ghal dak il-perjodu ta' zmien li jigi minnufih wara dak iz-zmien li hija tkun ghamlet tiskonta piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun inghatat lil dik il-persuna ghal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna ohra, liema perjodu jkun:*

*(i) tliet xhur fir-rigward ta' pieni ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur izda li ma jkunux aktar minn sentejn;*

*(ii) daqs kwart tal-piena ta' prigunerija li ghalih persuna bhal dik tkun ikkundannata piena ta' prigunerija ta' aktar minn sentejn;*

*(d) tkun instabet hatja li wettqet xi reat bhal dawk taht xi ligi ta' pajjiz jew territorju barra minn Malta;*

*Izda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafu (c) m'ghandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn.*

*(2) Ghall-finijiet biex jigi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frazi "sentenza" m'ghandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation moghtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin u li tkun giet osservata mill-probationer jew ordni ghal-liberazzjoni assoluta jew taht kundizzjoni moghtija taht l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin li tkun giet osservata; jew*

*(b) sentenza ghat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun giet misjuba hatja tigi moghtija mahfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; izda dan il-paragrafu ghandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta mahfra bhal dik; jew*

*(c) sentenza li filwaqt tal-applikazzjoni taghha tkun qieghda taht appell;*

*(d) sentenza ghat-twettiq ta' reat li –*

*(i) twettaq qabel l-1 ta' Novembru, 2010;*

*(ii) sar minn persuna li kellha tag ta' xufier tat-taxi valida mahruga lilha mill-Awtorità qabel l-1 ta' Novembru, 2010; u*

*(iii) inghatat ghall-anqas hames snin qabel id-data tal-applikazzjoni ghat-tigdid tat-tag ta' xufier tat-taxi u tal-permess tax-xufier.*

*(e) sentenza ghat-twettiq ta' reat ta' pussess ghall-uzu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun inghatat mill-anqas*

*tlett snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni gdida jew applikazzjoni ghat-tigdid ta' tag, fejn l-applikant ikun irriabilita' ruhu u ma kellux sentenza ohra matul dawn it-tlett snin.*

*7. Illi hafna mill-elementi prezenti fir-Regolament sucitat huma prezenti wkoll fir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri b'Vetturi Zghar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Legislazzjoni Sussidjarja 499.68) u r-Regolament 9 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56) sabiex wiehed jitqies li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba;*

*8. Illi l-appellant qieghed jikkontesta d-decizjoni li ma tigix milqugha t-talba tieghu ghal tigdid ta' permess ta' xufier (tag), u dan ghaliex in effetti ma tezisti ebda raguni fil-ligi li tiggustifika n-nuqqas ta' hrug ta' tali permess abbazi tar-raguni mnizzla fl-ittra tar-rifjut;*

*9. Illi l-esponent hassu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk qed jinterponi dan l-umli appell abbazi tas-segwenti aggravji;*

*10. Illi* ***l-ewwel aggravju*** *huwa car u manifest, in kwantu ma jirrizultawx l-elementi necessarji li wasslu biex l-Awtorita' appellata tirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellant ghal tigdid ta' permess ta' xufier fir-rigward tal-htiega li l-appellant ikollu reputazzjoni u kondotta tajba;*

*11. Illi meta nharsu lejn l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, u cioe', l-imputazzjonijiet li nstab hati taghhom l-appellant, kif ukoll l-artikoli tal-ligijiet relattivi, li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkunsidrat sabiex tasal ghas-sejbien tal-htija, wiehed mill-ewwel jintebah illi tali imputazzjonijiet u artikoli relattivi li nstab hati taghhom l-appellant ma jaqghux fil-lista ta' artikoli msemmija fir-regolament 9 ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56), fir-Regolament 11A tar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (Legislazzjoni sussidjarja 499.59) u fir-Regolament 9 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri b'Vetturi Zghar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Legislazzjoni Sussidjarja 499.68) li jirreferu ghal dawk l-artikoli li jekk wiehed jinstab hati tahthom, jitqies illi ma jissodisfax l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba;*

*12. Illi apparti minn hekk, ir-Regolament 23 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56), u r-Regolament 45 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri b'Vetturi Zghar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Legislazzjoni Sussidjarja 499.68) jistipulaw li gej rispettivament:*

*Izda meta l-persuna ma titqiesx li ghandha reputazzjoni u kondotta tajba minhabba biss li tkun inghatat piena ta' prigunerija ta' aktar minn xahar izda inqas minn sena ghal reat jew reati li tkun wettqet minbarra reat marbut ma' vjolenza fuq persuna ohra, il-permess ta' xufier m'ghandux jigi revokat izda ghandu jigi sospiz ghall-perjodi ta' zmien imsemmija fir-regolament 9(1)(b), (d)(i) u (f), skont ma hu l-kaz.*

*Izda meta l-persuna ma titqies li ghandha reputazzjoni u kondotta tajba minhabba fil-fatt biss li tkun inghatat piena ta' prigunerija ta' aktar minn xahar (1) izda inqas minn sena (1) ghal reat jew reati li tkun wettqet minbarra reat marbut ma' vjolenza fuq persuna ohra, il-permess ta' xufier ma ghandux jigi revokat izda ghandu jigi sospiz ghall-perjodi ta' zmien imsemmija fir-regolament 9(1)(b).*

*13. Illi r-Regolament 9(1)(b) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56) u r-Regolament 9(1)(b) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri b'Vetturi Zghar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Legislazzjoni*

*Sussidjarja 499.68) ma jirreferu ghall-ebda perjodi ta' zmien hlief il-perjodu ta' zmien meta l-applikant ikun qieghed jiskonta piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn xahar, filwaqt illi r-Regolamenti 9(d)(i) u (f) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56) ma jezistux;*

*14. Illi fid-dawl tas-suespost u l-fatt illi l-appellant nghata sentenza ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva, il-licenzja tal-appellant kellha tigi sospiza biss ghal dak iz-zmien li fih ikun qed jiskonta l-habs, u wara dan iz-zmien, ghandha terga' tidhol fis-sehh il-licenzja tax-xufier, u konsegwentement, it-tag ukoll;*

*15. Illi apparti minn hekk, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 11A tar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (Legislazzjoni sussidjarja 499.59) jistipula hekk:*

*(2) Ghall-finijiet biex jigi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frazi "sentenza" m'ghandhiex tinkludi:*

*...*

*(d) sentenza ghat-twettiq ta' reat li –*

*(i) sar qabel l-1 ta' Novembru, 2010;*

*(ii) sar minn persuna li kellha tag ta' xufier tat-taxi valida mahruga lilha mill-Awtorita' qabel l-1 ta' Novembru, 2010; u*

*(iii) nghatat ghall-anqas hames snin qabel id-data tal-applikazzjoni ghat-tigdid tat-tag ta' xufier tat-taxi u tal-permess tax-xufier.*

*16. Illi fl-ewwel lok, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li permezz taghha l-appellant instab hati tirrigwarda reat li sar fit-2 ta' Dicembru tas-sena 2009, fit-tieni lok, kif se jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza, l-appellant ilu jipposjedi t-tag mahruga mill-Awtorita' minn qabel l-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), u fl-ahhar lok, is-sentenza fejn instab hati tar-reat inghatat fit-30 ta' Settembru 2016 filwaqt illi l-applikazzjoni ghat-tigdid saret din is-sena (kwazi 7 snin wara), u ghalhekk abbazi ta' dak fuq citat, din is-sentenza m'ghandhiex titqies bhala sentenza li ghandha twassal biex l-appellant jitqies illi ma jissodisfax il-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba;*

*17. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost* ***it-tieni aggravju tal-appellant*** *huwa car u manifest in kwantu l-ligi li abbazi taghha l-Awtorita' appellata qieghda tichad it-talba odjerna hija ligi li giet fis-sehh wara li gie kommess l-imsemmi reat u stante l-element punittiv tal-istess ligi, f'kaz li dan it-Tribunal jidhirlu li l-esponenti ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-istess, dan ifisser illi l-element punittiv tal-istess ligi, ikun qed jigi applikat retroattivament u huwa ben saput illi kemm f'gurisprudenza nostrana, kif ukoll il-ligi Ewropea (EU) u taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali u taht il-Kostituzzjoni, ligi li ghandha element penali u punittiv m'ghandhiex tigi applikata retrospettivament (vide wkoll Art 7 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*18. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost* ***it-tielet aggravju tal-appellant*** *huwa car u manifest in kwantu l-Awtorita' appellata, fl-avviz taghha li permezz taghha gharrfet lill-appellant bir-rifjut tal-applikazzjoni ghat-tigdid tal-permess ta' xufier (tag) tieghu, naqset milli tindika illi l-appellant kellu ghaxart ijiem sabiex iressaq ir-rapprezentazzjonijiet tieghu bil-miktub quddiemha ghaliex l-applikazzjoni ma kellhiex tigi rifjutata, u dan kif jirrikjedi r-Regolament 21(3) u/jew 23(4) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56), ir-Regolament 13(3) tar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (Legislazzjoni Sussidjarja 499.59) u r-Regolament 43(3) tar-*

*Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri b'Vetturi Zghar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Legislazzjoni Sussidjarja 499.68), u ghandha ggib in-nullita' tad-decizjoni tal-Awtorita'.*

*19. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak suespost, dan in-nuqqas min-naha tal-Awtorita' appellata, apparti li tmur kontra l-principji ta' mgiba amministrattiva tajba, qed tippregudika l-pozizzjoni tal-appellant b'mod irremedjabbli u dan stante illi b'hekk, l-appellant tilef l-opportunita' li jressaq rapprezentazzjonijiet qabel ma jintavola l-appell odjern, u konsegwentement, l-Awtorita' waslet ghad-decizjoni taghha minghajr ma kkunsidrat kwalunwke rapprezentazzjoni li seta' ghamel l-appellant;*

*20. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost* ***ir-raba' aggravju tal-appellant*** *huwa car u manifest in kwantu tali decizjoni twassal biex l-appellant jigi vjetat milli jerga' jmur lura ghax-xoghol tieghu ta' xufier, u konsegwentement, twassal ghal diffikultajiet biex hu u l-familja jigu mantnuti. Dan id-dritt huwa wiehed rikonoxxut mill-Kostituzzjoni wkoll fl-Artikolu 7:*

*7. L-Istat jirrikonoxxi d-dritt tac-cittadini kollha ghal xoghol u ghandu jgib 'il quddiem dawk il-kondizzjonijiet li jaghmlu dan id-dritt effettiv.*

*21. Illi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, minhabba l-kundizzjonijiet medici li jbati bihom l-esponenti, li jikkonsistu f'obezita' u d-dijabete, fost affarijiet ohra, huwa m'huwa kapaci jaghmel l-ebda xoghol iehor hlief dak ta' xufier, u ghalhekk, jekk dan l-Onorabbli Tribunal jichad dan l-appell l-istess esponeni se jbati immensament sabiex isib xoghol iehor, u l-familja tieghu se tbati mieghu;*

*22. Illi l-appellant ilu jaghmel dan ix-xoghol, u ilu fil-pussess tat-tag mahruga mill-Awtorita' mis-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991)tant li kien isuq taxi, minibus u LBTV, u baqa' jaghmel dan ix-xoghol sa dan ix-xahar, wara illi kellu jieqaf biss minhabba li t-tigdid tal-permess gie rifjutat f'Lulju ta' din is-sena;*

*23. Illi fid-dawl ta' dan ghandu jinghad ukoll illi l-appellant huwa bniedem riabilitat, li qed jaghmel minn kollox sabiex il-familja tieghu jkollha l-ahjar hajja li jista' jkollha;*

*24. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost* ***il-hames aggravju tal-appellant*** *huwa car u manifest in kwantu tali decizjoni li minnha nnifisha hija irragonevoli hija nieqsa minn kull motivazzjoni jew raguni, u kwindi nulla. Tali decizjoni hija wahda mhux konformi mal-precett tal-ligi u leziva tad-drittijiet tal-esponent;*

*Illi ghalhekk din id-decizjoni ma tirrispettax il-principji ta' gustizzja naturali u l-principji tad-dritt u kwindi hija nulla u bla bazi fil-ligi;*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob li dan it-Tribunal joghgbu jilqa' l-aggravji tieghu u jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' Appellata tal-4 ta' Lulju 2023 in kwantu nulla u bla effett fil-ligi u konsegwentement jordna illi jsir it-tigdid ta'permess ta' xufier (tag) fil-konfront tal-appellant.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fil-25 ta' Awwissu 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Kevin Zammit permezz tal-ittra taghha datata 4 ta' Lulju, 2023 hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi u ghalhekk ghandha tigi konfermata u r-rikors prezentat mir-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet li se jigu hawn imtennija.*

2. *Illi, bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Settembru, 2016 (konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali) r-rikorrent kien instab ħati ta' pussess u traffikar tad-droga eroina, oltre li kien riċediv. Konsegwentement, id-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti hija decizjoni korretta u moghtija in konformita' u b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligijiet vigenti u cioe' Regolament 9 ta' L.S. 499.56, Regolament 9 ta' L.S. 499.68 u Regolament 11A ta' L.S. 499.59. ghalhekk ma tistax u m'ghandhiex tigi revokata.*

3. *Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju dan ma jreġġix għaliex una volta illi persuna jkun instab hati ta' xi wiehed mir-reati espressament specifikati fil-fuq imsemmija Regolament 9 ta' L.S. 499.56, Regolament 9 ta' L.S. 499.68 u Regolament 11A ta' L.S. 499.59. tali persuna ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba għall-ħruġ ta' tag ta' xufier taħt l-imsemmija Leġislazzjonijiet Sussidjarji. Mhuwiex minnu illi r-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent mhumiex speċifikatament indikati fl-imsemmija Regolamenti. It-traffikar tal-eroina jaqa' taht l-artikolu 5 u 6(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant il-provvedimenti tar-Regolamenti ċitati dwar it-tul tal-piena ta' priġunerija u d-data meta tkun ingħatat is-sentena mhumiex applikabbli ghall-każ odjern.*

4. *Illi fir-rigward tat-tieni aggravju msejjes fuq kunsiderazzjonijiet ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-Awtorita' rispondenti, apparti li ma taqbel assolutament xejn ma' dak imtenni f'tali lanjanzi, tissottolinea illi tali konsiderazzjonijiet ma jaqghux fil-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal u dan kif konfermat b'diversi sentenzi moghtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fosthom is-sentenza fl-ismijiet 'Eugene Cardona -vs- Transport Malta' u sentenzi ohra decizi minn dan l-Onorabbli Tribunal u konfermati mill-Qorti tal-Appell.*

5. *Illi fir-rigward tat-tielet aggravju, jiġi sottomess is-segwenti:*

   *(i) li mhuwiex kompitu tal-Awtorita' illi tindika lir-rikorrent x'inhuma r-rimedji u d-drittijiet tieghu skond il-ligi meta tali rimedji u drittijiet huma espliċitament stipulati u spelluti fil-liġi;*

   *(ii) li l-fatt li l-Awtorita' naqset milli tgħarraf lir-rikorrent bid-dritt (stabbilit u kjarament spellut fil-liġi) li jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub entro ghaxart (10) ijiem ċertament li ma jwassalx ghan-nullita' ta' deċizjoni li kienet diga moghtija (fl-ittra tal-4 ta' Lulju, 2023) u li hija effettivament id-deċiżjoni li minnha qed jappella r-rikorrent;*

   *(iii) f'kull każ anke kieku, unikament għall-grazzja tal-argument, id-deċiżjoni tal-Awtorita' kristallizzata fl-ittra taghha tal-4 ta' Lulju, 2023 kellha tigi dikjarata bhala nulla, dan iwassal biss għar-ripetizzjoni tal-istess proċess u xejn ma jaġevola lir-rikorrent għaliex il-punt fundamentali huwa dak trattat fl-ewwel aggravju ta' dan l-appell u xejn iżjed.*

6. *Illi fir-rigward tar-raba' aggravju, dan huwa minghajr ebda sostanza legali għalkemm huwa interessanti wieħed jiskopri l-bażi tal-argument li min isofri minn obeżita u dijabete ma jista' jaghmel ebda xogħol ħlief ta' xufier ! Kieku kellu jiġi aċċettat dan l-aggravju biex titħassar id-deċizjoni tal-Awtorita', ikun ifisser illi persuna jista' jikser id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti dwar il-kondotta u reputazzjoni tajba stabbiliti fir-Regolament 9 ta' L.S. 499.56, Regolament 9 ta' L.S. 499.68 u Regolament 11A ta' L.S. 499.59. pero purke'*

*li jġib prova li huwa jbati minn obeżita u dijabete, l-Awtorita' tkun kostretta li tagħtih jew iġġeddidlu d-driver's tag !*

7. *Illi fir-rigward tal-hames aggravju dan ukoll huwa kompletament bla bażi ghaliex kuntrarjament ghal dak li qed itenni r-rikorrent, id-deċizjoni tal-Awtorita' hija perfettament in linea ma' dak li trid il-liġi u li hemm stabbilit fil-ligi.*

8. *Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent appellant Kevin Zammit ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 04 ta' Lulju 2023 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorita kienet irrifjutat l-applikazzjonijiet tiegħu għal tiġdid ta' permess ta' xufier stante li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba *ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr a' Pasiġġieri), tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59 (Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi) u tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi). Illi mill-istess deċiżjoni jirriżulta li r-raġuni wara dan ir-rifjut kienet sentenza li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent fis-27 ta' Ġunju 2023 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi għall-aħjar intendiment tar-raġuni mogħtija mill-Awtorita` intimata, it-Tribunal se jiċċita testwalment ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56, li jgħid is-segwenti, u ċioe`:

*9.(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher -*

*(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203,203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212,217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta'arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248Ċ, 248Dtal-Kodiċi Kriminali;*

*(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;*

*(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha*

***(iv) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2),14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e),(f), 22(Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; u***[1]

*.(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar;*

*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta'priġunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*

*(i) tliet xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn;*

*(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għalih apersuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta'priġunerija ta' aktar minn sentejn:*

*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafu (ċ) m'għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn.*

*(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġita' pajjiż jew territorju barra minn Malta:*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta'reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi"sentenza" m'għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kundizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Attdwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*

*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta'Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*

*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell;*

*(d) sentenza għat-twettiq ta' reat li –*

*(i) twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009;*

[1] Enfasi tat-Tribunal

*(ii) twettaq minn persuna li kellha tag ta' xufier valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel id-19 ta' Mejju 2009; u*

*(iii) ingħatat mill-anqas ħames snin qabel id-data li fiha tkun saret applikazzjoni għat-tiġdid tat-tag ta' xufier u tal-permess ta' xufier.*

*(e) sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tlett snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni ġdida jew applikazzjoni għat-tiġdid ta'tag, fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tlett snin.*

Illi l-istess disposizzjoni hija riflessa f'Regolament 11A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59 u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.

Illi t-Tribunal jifhem illi l-leġislatur elenka ċerti reati li jeskludu li wieħed ikun ikkunsidrat bħala li għandu reputazzjoni u kondotta tajba sabiex jikkawtela l-interessi tal-pubbliku in ġenerali.

**Ikkunsidra:**

**PROVI**

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa għandu wieħed u ħamsin (51) sena u li kien qed iservi piena ta' ħdax-il xahar ġewwa l-Faċilita` Korretiva ta' Kordin u kellu jiskontaha fil-15 ta' Jannar 2024. Spjega li huwa kien ilu jaħdem ta' xufier tat-taxi mill-1991. Xehed li huwa għandu kundizzjoni medika li ma tippermettilux jagħmel xogħol ta' strapazz u elenka diversi spejjeż li jrid jonora, inkluż pagamenti għal van tax-xogħol li xtara eżattament qabel daħal fil-Faċilita` Korretiva ta' Kordin

**Brian Farrugia**, uffiċjal tal-Awtorita` intimata xehed illi l-ewwel applikazzjoni li sab fil-fajl tar-rikorrent għal *tag* kienet ġiet ippreżentata fl-2011 pero` l-liċenzja tas-sewqan kienet ilha għandu mill-1991 u minn dak iż-żmien seta' jsuq vetturi Kategorija D.

**Stephania Calafato Testa,** Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali, esebiet sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati u oħra tas-27 ta' Ġunju 2023 tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Permezz ta' dawn is-sentenzi ir-rikorrent kien instab ħati ai termini ta' Taqsima IV u VI, tal-artikolu 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-istess sentenzi jirriżulta illi r-

reati li bihom ġie akkużat ir-rikorrent twettqu fit-2 ta’ Diċembru 2009 u fis-sitt xhur ta’ qabel.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-**ewwel aggravju** tiegħu, ir-rikorrent jikkontendi li ma teżisti ebda raġuni fil-liġi li tiġġustifika d-deċiżjoni appellata.

Illi l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat u d-decide tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-30 ta’ Ġunju 2016 kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tas-27 ta’ Ġunju 2023 diġa ġew kkwotati estensivament fil-korp tar-rikors promutur u għalhekk mhux il-każ li jerġgħu jiġu riprodotti.

Illi r-rikorrent jisħaq illi s-sejbien ta’ ħtija tiegħu ma jinkwadrax fil-parametri tad-definizzjoni li teskludi li persuna jitqies ta’ reputazzjoni u kondotta tajba u dana għaliex l-artikoli tal-Liġi kkwotati mill-Qorti tal-Maġistrati ma jaqgħux fil-lista ta’ reati elenkati fil-liġi, li jekk kommessi u tinstab ħtija dwarhom, huwa ta’ ostaklu għall-kisba ta’ *tag* ta’ xufier.

Illi dan l-aggravju għandu jsib ir-riżoluzzjoni tiegħu billi wieħed iqabbel ir-reati li nstab ħati dwarhom ir-rikorrent mal-artikoli tal-liġi li jsemmu r-reati li jeskludu r-reputazzjoni u kondotta tajba.

Illi r-rikorrent instab ħati illi:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina;
2. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina

Illi kif ċitat fil-parti tad-decide tas-sentenza datata 30 ta’ Settembru 2016 dawn ir-reati twettqu ai termini tat-**Taqsima IV u VI, artikolu 22 (1) (a) u artikolu 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u Regolament 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02.**

Illi minn ħarsa lejn is-sentenza su ċitata jirriżulta illi r-rikorrent ġie misjub ħati, inter alia, ta’ traffikar tad-droga eroina. Dan ir-reat huwa dak elenkat f’artikolu 11 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u għalkemm l-istess artikolu mhux imsemmi espressament fil-parti deċiżjorja tas-sentenza tat-30 ta’ Settembru 2016, huwa reat li jaqa’ taħt it-Taqsima IV tal-imsemmija Liġi.

Illi għaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jifhem illi r-rikorrent żbalja ħafna snin ilu, ladarba l-liġi teskludi l-possibilita` li jinħareġ/jiġi mġedded permess ta’ xufier meta si tratta ta’ ċerti reati hekk kif elenkati iktar ‘il fuq, l-Awtorita`

intimata ma kellha ebda għażla oħra ħlief li tirrifjuta l-applikazzjonijiet tar-rikorrenti. Kif del resto m'għandu l-ebda diskrezzjoni dan it-Tribunal. It-Tribunal jerġa' jirribadixxi illi filwaqt li jifhem illi persuna tista' tkun żbaljat darba f'ħajjitha u li ċertament tkun imxiet 'il quddiem u qagħdet attenta li timxi fit-triq it-tajba, huwa ma jistax jinterpreta jew japplika l-liġi b'mod soġġettiv. Il-leġislatur lanqas diskrezzjoni ma ħalla f'idejn l-Awtorita` jekk tagħtix permess jew le f'dawn iċ-ċirkostanzi, pero` impona fuqha dmir li tirrifjuta.

Illi sussidjarjament, ir-rikorrent saħaq illi in vista li huwa ngħata sentenza ta' ħdax-il xahar priġunerija effettiva, allura l-liċenzja tiegħu kellha tiġi biss sospiża għal dak iż-żmien li jkun qiegħed jiskonta l-piena, u dan ai termini tar-Regolament 9 (1) (b) tal-L.S. 499.56. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni. Illi t-termini elenkati fir-Regolament ċitat japplikaw biss għal meta persuna tkun qed tiskonta piena għal reati mhux imsemmija f'Regolament 9 (a), mentri l-projbizzjoni perpetwa milli wieħed jikseb permess ta' xufier abbażi tar-Regolamenti appena ċitat hija waħda perpetwa.

Illi permezz tat-**tieni aggravju**, r-rikorrenti jilmenta mill-fatt illi l-liġi li abbażi tagħha sar ir-rifjut daħlet wara li kkommetta r-reati li tagħhom instab ħati u li għalhekk kienet qed tiġi applikata fil-konfront tiegħu liġi li għandha elementi punittivi b'mod retroattiv b'leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. It-Tribunal josserva illi lil hinn minn kwalunkwe konsiderazzjoni dwar drittijiet fundamentali, liema materja m'għandux kompetenza jippronunzja ruħu dwarha, ir-rikorrent huwa parzjalment fattwalment żbaljat u dana għaliex il-L.S. 499.56 daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2009 mentri r-rikorrent ikkommetta r-reati in diżamina fit-2 ta' Diċembru 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel. Fir-rigward tal-L.S. 499.59 u L.S. 499.68 huwa minnu li dawn ġew promulgati wara d-data tal-kommissjoni tar-reati pero` t-Tribunal josserva illi d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata ma tistax tiġi kklassifikata bħala waħda ta' natura penali pero` hija konsegwenza ta' deċiżjoni fil-kamp penali. Illi għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi permezz tat-**tielet aggravju** r-rikorrent jisħaq illi d-deċiżjoni hija nulla stante li l-Awtorita` intimata ma ndikatlux illi kellu l-opportunita` li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub u dan ai termini ta' Regolament 21(3) u/jew 23(4) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56), ir-Regolament 13(3) tar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59) u r-Regolament 43(3) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68).

Min-naħa l-oħra l-Awtorita` intimata tirribatti dan l-aggravju billi tgħid illi ladarba l-liġi tistipula li r-rikorrent kellu għaxart (10) ijiem żmien biex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu, allura hija ma kellhiex għalfejn tispelli dak li tgħid il-liġi.

Illi bir-rispett kollu, dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din il-linja ta' ħsieb. Huwa ċar illi l-leġislatur impona obbligu fuq l-Awtorita` intimata illi meta jkun beħsiebha tirrifjuta xi applikazzjoni, hija *"**għandha** permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull **avviż ta' rifjut għandu jgħid** li l-applikant għandu dritt li, fi żmien għaxart jiem, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità, fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorità **għandha tieħu f'konsiderazzjoni dawn ir-rappreżentazzjonijiet**[2] hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali."*[1] Din id-disposizzjoni tirrispekkja dik li bl-Ingliż hija magħrufa "procedural fairness". Fil-ktieb tiegħu ***Judicial Review of Administrative Action***, 2nd ed., il-Professur S A de Smith, jikteb illi:

*"Natural justice generally requires that persons liable to be directly affected by proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they may be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet."*

Illi madanakollu, l-Awtorita` intimata tikkontendi li kieku r-rikorrent ressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu, ma kien se jbiddel xejn mid-deċiżjoni appellata.

Illi pero` kif jirrilevaw **H.W.R. Wade** u **C.F. Forsyth** fil-ktieb tagħhom ***Administrative Law,*** 10th ed.[3]:

*"Procedural objections are often raised by unmeritorious parties. Judges may then be tempted to refuse relief on the ground that a fair hearing could have made no difference to the result. But in principle it is vital that the procedure and the merits should be kept strictly apart, since otherwise the merits may be prejudged unfairly. Lord Wright once said:*

*If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be a no decision.*[4]

---

[2] Enfasi tat-Tribunal
[3] Op. cit. p. 422
[4] *General Medical Council v. Spackman* [1943] AC 627 at 644; and see *Annamunthodo v. Oilfields Workers'Trade Union* [1961] AC 945 at 956 (Lord Denning).

Illi l-istess awturi pero` jikkonċedu s-segwenti, u cioe`:

*"Judges are naturally inclined to use their discretion when a plea of breach of natural justice is used as the last refuge of a claimant with a bad case. But that should not be allowed to weaken the basic principle that fair procedure comes first and that it is only after hearing both sides that the merits can be properly considered. A distinction might perhaps be made according to the nature of the decision. In the case of a tribunal which must decide according to law, it may be justifiable to disregard a breach of natural justice where the demerits of the claim are such that it would in any case be hopeless. But in the case of a discretionary administrative decision, such as the dismissal of a teacher or the expulsion of a student, hearing his case will often soften the heart of the authority and alter their decision, even thought it is clear from the outset that punitive action would be justified.[5] This is the essence of good and considerate administration, and the law should take care to preserve it."[6]*

Filwaqt li huwa ċar illi l-Awtorita` naqset meta ma tatx lir-rikorrent dik l-opportunita` li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, min-naħa l-oħra wara li dan it-Tribunal ta l-opportunita` kollha lir-rikorrent li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu kontra l-istess deċiżjoni, huwa tal-fehma illi l-istess sottomissjonijiet ma setgħu qatt ibiddlu dak deċiż mill-Awtorita` intimata u dana għaliex l-istess Awtorita` ma kellha ebda diskrezzjoni meta ġiet biex tiddetermina jekk ir-rikorrent huwiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba.

Illi għalhekk, filwaqt li t-Tribunal jagħraf li l-Awtorita` naqset fid-doveri tagħha skont il-liġi, jaqbel magħha illi li kieku d-deċiżjoni appellata kellha tiġi annullata minħabba li r-rikorrent ma ngħatax l-opportunita` jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu, se jkun qed ifisser biss ħela ta' ħin u ta riżorsi kemm tal-partijiet infushom u kemm ta' dan it-Tribunal. Madanakollu t-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi l-Awtorita` intimata għandha ġġorr il-konsegwenzi ta' tali nuqqas meta t-Tribunal jiġi biex jiddeċiedi fuq l-ispejjeż ta' dan l-appell.

Illi permezz tar-**raba' aggravju**, r-rikorrent jisħaq illi d-deċiżjoni appellata se toħloq diffikultajiet kbar għalih u għal familtu. Illi filwaqt li dan jista' jkun il-każ, kif ingħad iktar 'il fuq, min hu fdat bit-tħaddim u bl-interpretazzjoni tal-liġi ma jistax jagħmel dan b'mod soġġettiv. Irid jimxi ma' dak li l-istess liġi tiddisponi, ikun kemm ikun pjetuż il-każ li jkollu quddiemu.

Illi fir-rigward tal-**ħames aggravju**, in vista ta' dak li ġie rilevat minn dan it-Tribunal fir-rigward tal-ewwel aggravju, ma jqisx illi d-deċiżjoni appellata

---

[5] For an example see Wade, *Toward Administrative Justice*, 10. In *Ridge v. Baldwin* the hearing later given to the chief constable's solicitor induced three members of the watch committee to change their minds: [1964] AC 40 at 47; and see at 68 (Lord Reid).

[6] Op. cit p. 424

kienet waħda irraġjonevoli jew nieqsa minn motivazzjoni. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi wkoll miċħud.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li l-Awtorita` intimata kienet ġusta fid-deċiżjoni tagħha meta rrifjutat li toħroġ it-*tag* ta' xufier lir-rikorrent abbażi tal-fatt li skont hi ma kienx jissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u għalhekk qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif komunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 2023.

Għar-ragunijiet imsemmija iktar `il fuq, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**